# Qorti Kriminali

## Imhallef

## Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

**Att ta' Akkuza 16/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Hisham Saleh B. Kurak**

**Illum, 18 ta' Frar, 2002**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 16/2001;

Semghet, fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002, lil Hisham Saleh B. Kurak jammetti l-htija tieghu skond l-akkuzi migjuba kontrih fl-imsemmi Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha u, jekk irid, jerga' lura minnha (u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali);

Tiddikjara lill-imsemmi Hisham Saleh B. Kurak hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (erojina) f'Malta bi ksur tal-ligi, u dan skond l-**ewwel** kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-**tieni** kap tal-istess Att ta' Akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Jason Azzopardi ghall-hati kif ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002; semghet ukoll bil-gurament f'dik l-udjenza lill-Ispettur Neville Aquilina u lill-istess hati;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom u in partikolari:

1. l-ammont ta' erojina involut f'dan il-kaz – 924.1 grammi – u l-purita` ta' l-istess droga kif tirrizulta mir-relazzjoni tal-perit spizjar Mario Mifsud;
2. il-fatt li dak li ghamel il-hati ghamlu ghall-flus;
3. l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra l-principji minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-

24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* f'kaz meta jkun hemm ammissjoni; kif ukoll id-disponibbilita` tal-hati li jikkollabora mal-Pulizija, ghalkemm f'dan il-kaz ma hemmx l-estremi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;

4. iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; kif ukoll li bejn it-tieni u l-ewwel kap hemm in-ness tal-mezz ghall-fini;

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tapplika l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, izda hi tal-fehma li ghandha tapplika piena ta' prigunerija ghal periodu determinat fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-proviso tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(d) tal-Kap. 101; ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tkkundanna lil Hisham Saleh B. Kurak ghall-piena ta' tlettax-il (13) sena prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta' hmistax-il elf lira (Lm15,000) (konvertibbli f'sena ohra prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha, ta' Hisham Saleh B. Kurak, ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta; fl-ahharnett tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur, fi zmien xahar mill-lum, is-somma ta' erba' mija u tletin lira u hamsin centezmu (Lm430.50), spejjez peritali (tal-perit spizjar u tas-"scene of crime officers", izda mhux tal-perit tal-impronti digitali Joseph Bongailas, liema relazzjoni kienet fin-negattiv) inkorsi f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' kull droga li talvolta tinsab taht l-awtorita` taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur tal-Qorti, kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota presentata fi zmien gimgha mill-lum, li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni u jinserih fl-atti ta' din il-kawza <u>mhux aktar tard minn tlett gimghat mill-lum</u>.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur